MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 195/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**Vs**

**Steve Spiteri et**
**Omissis**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe' :**

**1) fis-17 ta' Marzu,2003 ghall-habta tal-4.00 ta' wara nofsinhar fi Triq Sliema, Kappara, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-**

**registrazzjoni JBE-263, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta''Anthony Meli minn H'Attard;**
**2) f'dawn l-ahhar jiem fil-Mosta kkommettew serq ta' sett pjanci tar-registrazzjoni bin-numru AAC-991 minn fuq vettura tal-ghamla Kia Ceres ghad-detriment ta' Rocco Debono minn San Gwann;**
**3) fil-31 ta' Marzu, 2003 fil-Fgura u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunaw hruq, jew ghamlu xi hsara jew hassru jew gharrqu vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE-263, liema hsara teccedi l-hames mitt lira Maltin (LM500) ghad-detriment ta' Anthony Meli minn H'Attard;**
**4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunaw hruq, jew ghamlu xi hsara jew hassru jew gharrqu vettura tal-ghamla u numru tar-registrazzjoni mhux maghrufa, ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;**
**5) f'dawn l-ahhar jiem f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**6) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqsu li jgharrfu lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienu hekk saru jafu, bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**7) Lil Emanuel Magro wahdu talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**8) lil Steve Spiteri wahdu talli f'dawn l-ahhar xhur f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla Mercedes Benz 200 bin-numru tar-registrazzjoni BBE-015 minghaajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura;**
**9) b'hekk ma kienitx koperta b'polza tas-sigurta' ghal terzi persuni;**
**10) fis-17 ta' Marzu, 2003 ikkommettew serq ta' apparat cellulari tal-marka "Philips" kif ukoll LM3 fi flus kontanti mill-istess vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE-263 ghad-dannu ta' Anthony Zahra minn San Giljan;**
**11) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saqu l-imsemmija vettura Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE-263 b'manjiera traskurata w perikoluza;**
**12) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-jiem ta' wara, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, saqu l-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'licenzja tas-sewqan;**
**13) b'hekk ma kienitx koperta b'polza tas-sigurta' ghal terzi persuni;**
**14) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, jew fil-granet ta' wara f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghall haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz billi wahhlu sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BAR-478 fuq vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE-263, bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**15) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhlu n-numru tar-registrazzjoni BAR-478 fuq vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni JBE-263, bi**

**ksur tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**16) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, jew fil-granet ta’ wara f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz billi wahhlu sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni bin-numru AAC-991 li kienu foloz, fuq vettura tal-ghamla Tavria bin-numru tar-registrazzjoni BAR-478 bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**17) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhlu n-numru tar-registrazzjoni AAC-991 fuq vettura tal-ghamla Tavria bin-numru tar-registrazzjoni BAR-478, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

**18) lil Steve Spiteri wahdu talli ghamel uzu tal-istess vettura tal-ghamla Mercedes Benz 200 bin-numru tar-registrazzjoni BBE-015 ghal skopijiet ohra barra minn dawk li hi licenzjata ghalihom.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Settembru, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(g), 267, 271, 279 sa 281, 284 u 285, 328(d), 334, 334A, 188 u 189 tal-Kap. 9, 15(1)(a) u (2), 54 u 55 tal-Kap. 65, 30 AL 128/94 u 3 tal-Kap. 104, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tletin (30) xahar u inoltre skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena, izda ma sabitux hati ghall-akkuza ta’ serq ta’ apparat cellulari u tlett liri fi flus kontanti mill-vettura Peugeot 406 stante li ma ngiebet ebda prova dwar din l-akkuza. Illiberatu wkoll mill-akkuza li saq il-vettura Peugeot 406 minghajr ma kienet licenzjata w konsegwentement minghajr ma kienet koperta b’assigurazzjoni stante li ma rrizultax.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 t'Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi :
(1)(a) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati ghall-akkuza ta' serq ta' apparat cellulari w tlett liri fi flus kontanti mill-vettura Peugeot 406 u ukoll mill-akkuza li saq il-vettura Peugeot 406 minghajr ma kienet licenzjata w konsegwentement minghajr ma kienet koperta b'assigurazzjoni;
(b) thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u cioe' talli fis-17 ta' Marzu, 2003, ghall-habta tal-4.00 ta' wara nofsinhar fi Triq Sliema, Kappara, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot 406, bin-numru tar-registrazzjoni JBE-263, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Anthony Meli minn H'Attard, u minnha tilliberah skond il-ligi;
(c) thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tar-raba imputazzjoni u cioe' fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, kkagunaw hruq jew ghamla ta' hsara, jew hassru jew gharrqu vettura tal-ghamla bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghrufa ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa u tal-hdax il-imputazzjoni u cioe' talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqu l-imsemmija vettura tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru trar-registrazzjoni JBE-263 b'manjiera traskurata w perikoluza, u minnhom tilliberah skond il-ligi;
(d) tikkonfermaha fejn sabitu hati tar-rimanenti imputazzjonijiet;
(e) u thassaraha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena ohra li tkun tirrifletti dawn il-liberazzjonijiet;
(2) sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghac-cirkostanzi socjali tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat in-nota tal-appellant tat-28 t' Ottubru , 2004, li biha rrinunzja ghall-ewwel zewg aggrajvi tieghu izda zamm ferm it-tielet aggravju dwar il-piena .

Rat illi l-uniku aggravju rimanenti tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li fil-mori tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant segwa programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga u alkolhol fi hdan l-agenzija Sedqa u wara li temm dan b' success, beda jahdem bhala xufier . Ghalhekk hu l-kaz li jkun hemm temperament fil-piena.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda ta' Joyce D'Amato , rapprezentant tal-Agenzija Sedqa;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena. Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**Illi mhux qed jigi allegat li f'dan il-kaz il-piena mhix entro l-parametri tal-ligi w fil-waqt li l-appellant jirrikonoxxi li kien il-kaz li jkun hemm piena karcerarja , jghid li din ghandha tkun inqas in vista tal-fatt li issa qed jahdem wara li temm b'success il-programm residenzjali .**

**Illi hu minnu li mix-xhieda tar-rapprezentant tas-Sedqa rrizulta li l-appellant kien temm b' success programm residenzjali , pero' dan wahdu mhux fattur biex tigi mibdula piena erogata mill-Ewwel Qorti . Hu kemm hu**

**lodevoli l-isforz tal-appellant f' dar-rigward, l-ewwel wiehed li ser igawdi minnu hu huwa stess u ma jistax jippretendi li ghax issa ma ghadux dipendenti fuq id-droga, jista' b'daqshekk ihassar il-passat u d-dejn tieghu mas-socjeta' ghar-reati gravi minnu kommessi .**

**Illi mill-fedina penali aggornata tal-apellant jirrizulta li, apparti r-reati mertu ta' din il-kawza, hu kien instab hati mill-Qrati diversi drabi u moghti opportunitajiet biex jirriforma ruhu . Barra minn diversi kundanni ta' theddid, storbju , glied u feriment u indhil fid-dmirijiet tal-Pulizija li ghalihom darba gie ammonit, darba liberat b'kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor u darba kundannat ghall-amenda, fl-10 ta' Settembru, 2003, kien instab hati talli f' Jannar, 2002, w cioe' qabel ma kkommetta r-reati mertu ta' dan l-apopell, kien ikkommetta reat kontinwat konsistenti f' serq ta' diversi karozzi, f' diversi kazijiet ta' ricettazzjoni , f' li kkaguna danni volontarji fuq diversi vetturi, f' li seraq handbag u kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq id-derubata; f' li ghamel dikjarazzjoni falza, f' li ghamel falsifikazzjoni billi uza number plates foloz, u xi reati ohra . Hu kien gie kundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin u multa ta' LM250.**

**In vista ta' din il-kondotta refrattarja tal-appellant , din il-Qorti ma tarax li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva jew li b' xi mod ghandha tigi temperata.**

**Ghal dawn il-motivi , tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata .**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------